



19.2.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1097/2009, imressqa minn Alexander Junger, ta' nazzjonalità Awstrijaka, dwar l-iskambju propost tad-dejta bankarja bejn l-UE u l-Istati Uniti, bl-iskuża li jiġi miġġieled it-terroriżmu**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jikkunsidra l-proposta li tiġi żvelata dejta bankarja lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti – bl-iskuża li jiġi miġġieled it-terroriżmu – bħala ksur tas-segretezza bankarja u tal-integrità personali taċ-ċittadini Ewropej.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' Novembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli tal-Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fid-19 ta' Frar 2010.

Il-petizzjonant jilmenta li l-iżvelar tad-dejta bankarja lill-awtoritajiet Amerikani jikkostitwixxi ksur tas-segretezza bankarja. Huwa jiddubita dwar il-valur tal-Programm dwar l-Itraċċjar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu Amerikan (TFTP) u jikkritika s-suspettar preventiv ta' kulħadd.

It-TFTP ilu jeżisti tmien snin. Huwa ġie stabbilit mid-Dipartiment tal-Istati Uniti tat-Teżor f'it wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001. It-TFTP huwa bbażat fuq l-awtoritajiet statutorji tal-Istati Uniti, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-ordnijiet eżekuttivi relatati. Sensiela ta' artikoli tal-istampa fl-2006 kixfu l-eżistenza tat-TFTP u wasslu għall-kritika li t-TFTP ma kkunsidrax il-liġi tal-protezzjoni tad-dejta tal-UE. Biex jiġi indirizzat dan it-tħassib, il-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (l-ewwel semestru tal-2007) appoġġjata mill-Kummissjoni, innegozzjat sett ta' xogħlijiet mad-

Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti rigward kif dejta personali li toħroġ mill-UE għandha tiġi pproċessata skont it-TFTP. Dawn ix-xogħlijiet ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'Lulju 2007 [C 166/18 tal-20.7.2007] u jinkludu, pereżempju, limitazzjoni stretta għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, li ma tħallix it-tiftix tad-dejta u l-obbligi li titħassar id-dejta f'limitu ta' żmien speċifiku. Barra dan, il-fergħa SWIFT US ingħaqdet mal-programm Safe Harbour li jiżgura livell xieraq ta' protezzjoni tad-dejta u jippermetti t-trasferiment tad-dejta personali mill-Komunità għall-Istati Uniti għal skopijiet kummerċjali.

Saret evalwazzjoni tal-valur tal-TFTP għas-sigurtà tal-UE u l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet tal-Istati Uniti mill-imħallef Franċiż għall-ġlieda kontra t-terroriżmu s-Sur Jean-Louis Bruguière fir-rapport tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea ta' Diċembru 2008. Ir-Rapport ikkonkluda li t-TFTP kien ta' valur konsiderevoli għall-Istati Membri tal-UE fil-ġlieda tagħhom kontra t-terroriżmu. Sal-lum, aktar minn 1450 ħjiliet iġġenerati mit-TFTP għaddew lill-gvernijiet Ewropej u 800 għaddew lill-gvernijiet mhux Ewropej, b'aktar minn 100 ħjiel iġġenerat mit-TFTP provduti lill-pajjiżi tal-UE minn Jannar sa Settembru 2009. Eżempji konkreti tal-benefiċċji tal-informazzjoni mit-TFTP jinkludu:

(i) L-informazzjoni tat-TFTP ipprovdiet assistenza sostanzjali lill-gvernijiet Ewropej waqt l-investigazzjonijiet tagħhom dwar il-pjan immexxi mill-Al-Qa'ida biex tattakka t-titjiriet tal-linja transatlantika bejn l-UE u l-Istati Uniti. L-informazzjoni tat-TFTP ipprovdiet ħjiliet ġodda, ikkonfermat l-identitajiet u kixfet ir-relazzjonijiet bejn l-individwi responsabbli għal dan il-pjan terroristiku. F'nofs Settembru 2009, tliet individwi kienu kkundannati fir-Renju Unit u kull wieħed weħel mill-anqas 30 sena ħabs;

(ii) Kmieni fl-2009 informazzjoni mit-TFTP intużat biex tiġi identifikata attività finanzjarja ta' individwu tal-Al-Qa'ida stabbilit fl-Ewropa li kellu rwol fl-ippjanar ta' allegat attakk fuq inġenju tal-ajru. L-informazzjoni għaddiet lill-gvernijiet tal-pajjiżi Ewropej u tal-Lvant Nofsani;

(iii) Fis-sajf tal-2007 it-TFTP intuża biex jiġu identifikati attivitajiet finanzjarji tal-membri tal-Unjoni Iżlamika Jihad (IJU) fil-Ġermanja. Din l-informazzjoni kkontribwixxiet għall-investigazzjoni u l-arrest eventwali tal-membri tal-IJU li ppjanaw li jattakkaw siti fil-Ġermanja. It-TFTP kompli jipprovdiet informazzjoni utli addizzjonali lill-awtoritajiet Ġermaniżi wara l-arrest. Il-persuni sussegwentement ammettew.

Il-valur tat-TFTP ġie aċċettat mill-Istati Membri kollha meta unanimament adottaw il-Mandat tal-Kunsill għan-negożjar tal-Ftehma bejn l-UE u l-Istati Uniti. Fil-bidu tal-2010 l-Imħallef Bruguière se jagħmel it-tieni rapport li se jkompli jindirizza l-valur tal-informazzjoni mit-TFTP għas-sigurtà tal-UE.

Fl-aħħar tal-2009, SWIFT implimentat "l-arkitettura tas-sistemi" l-ġdida tagħha. Għal dan l-għan SWIFT żammet is-servers eżistenti tagħha bbażati fl-UE u l-Istati Uniti u bdiet tħaddem ċentru operazzjonali fl-Isvizzera. L-effett nett ta' dan l-arranġament ġdid huwa li ammont sinifikanti tad-dejta li fil-passat wasal mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti skont it-TFTP m'għadux maħżun u m'għadux jaqa' aktar taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gvern tal-Istati Uniti. Konsegwentement, il-messaġġi tal-ħlas finanzjarju u d-dejta relatata huma maħżuna fit-

territorju tal-Unjoni Ewropea u jistgħu jsiru disponibbli biss fuq talba mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti.

Sabiex jiġi żgurat li t-TFTP ikompli jipproduċi l-benefiċċji ta' sigurtà msemmija hawn fuq fl-UE u lil hinn minnha, kien neċessarju li jsir ftehim internazzjonali li jippermetti li d-dejta ta' messaġġi finanzjarji rilevanti tkompli tkun għad-dispożizzjoni tad-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti. Għaldaqstant, f'Lulju ta' din is-sena, is-27 Stat Membru fil-Kunsill unanimament adottaw mandat u linji gwida ta' negozjar għall-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti għat-trasferiment tad-dejta ta' messaġġi finanzjarji għall-finijiet tat-TFTP. It-tim ta' negozjar tal-UE tmexxa mill-Presidenza Svediża assistit mill-Kummissjoni Ewropea.

F'Settembru 2009 il-Parlament Ewropew ħareġ ir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar Ftehim prevista bejn l-UE u l-Istati Uniti għat-trasferiment tad-dejta ta' messaġġi finanzjarji għall-iskop tat-TFTP. Ir-Riżoluzzjoni tispjega li l-ftehim għandha tkun ta' perjodu qasir, li l-ipproċessar tad-dejta ta' messaġġi finanzjarji għandu jkun strettament għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u li t-talbiet għad-dejta għandhom ikunu bbażati fuq każijiet immirati speċifiċi u jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni gudiżzarja.

Wara diversi ċikli ta' negozjati, il-Kunsill adotta, fit-30 ta' Novembru, Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment tad-Dejta ta' Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti għall-iskopijiet tal-Programm dwar l-Ittraċċjar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu ("Ftehim Interim"). Qabel ma l-Ftehim Interim tkun tista' tiġi konkluża, il-Parlament Ewropew ikun irid jagħti l-kunsens tiegħu - kunsens li rriġjuta fil-plenarja ta' Frar 2010. Il-Ftehim pprovdiet applikazzjoni provviżorja mill-1 ta' Frar 2010 (id-data meta tidħol fis-seħħ il-Ftehim Multilaterali bejn l-UE u l-Istati Uniti) u żmien massimu ta' 9 xhur. Għalhekk ikun skada u ma jibqax ikollu effett fil-31 ta' Ottubru 2010 jew qabel. Il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li ttipponi mandat ġdid fil-bidu tal-2010 għal ftehim sussegwenti bbażata fuq it-Trattat ta' Lisbona b'salvagwardji saħansitra akbar fuq il-protezzjoni tad-dejta u involviment saħansitra akbar tal-Parlament Ewropew. Sadattant, kienet tkun meħtieġa ftehim provviżorja biex tiżgura li ma jkunx hemm nuqqas fil-kopertura tat-TFTP li issa se jċaħħad lill-UE minn informazzjoni importanti relatata mal-attakki terroristiċi jew l-investigazzjonijiet.

Il-Ftehim Interim kien fiha salvagwardji sinifikanti għall-protezzjoni tad-dejta personali ttrasferita skont il-Ftehim. Dawn jinkludu, pereżempju, il-projbizzjoni stretta fuq l-użu tad-dejta għal kwalunkwe skop milli l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba jew il-prosekuzzjoni ta' terroriżmu jew l-iffinanzjar tiegħu, il-projbizzjoni stretta fuq kwalunkwe forma ta' tiftix ta' dejta u l-obbligu li jiġu pprovduti rimedji effettivi. Il-Ftehim Interim kienet teħtieġ li d-Dipartiment tat-Teżor jidentifika dejta li ma tinħtieġx aktar għall-iskopijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassarhom. F'każijiet oħra, id-dejta miżmuma fuq il-bażi ta' dejta tat-TFTP ġeneralment kellha titħassar fi żmien ħames snin minn meta tasal. Il-Ftehim Interim imponiet obbligi stretti fuq is-sigurtà tad-dejta u fuq il-persuni intitolati għall-aċċess tad-dejta tat-TFTP.

Waħda mill-aktar salvagwardji sinifikanti kienet li qabel ma d-dejta tat-TFTP setgħet issir disponibbli għall-Istati Uniti, id-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti kellu joħroġ talba dwar investigazzjoni li tkun għaddejja rigward kondotta speċifika relatata ma' reati ta' terroriżmu li saru jew fejn kien hemm, fuq il-bażi tal-informazzjoni jew l-evidenza li kienet teżisti qabel,

raġuni għala seta' twettaq reat. Fin-nuqqas ta' tali talba ssostanzjata, l-ebda dejta ma setgħet tkun għad-dispożizzjoni tal-Istati Uniti. Dan l-obbligu kien ikun soġġett għal verifika mill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru mitlub u għal verifika esterna, u jenfasizza li t-TFTP jista' jintuża biss fejn hemm suspett li jista' jiġi ppruvat u li hu raġonevoli li persuna li tkun ġiet identifikata hija involuta fit-terroriżmu jew l-iffinanzjar tiegħu.

Il-faċilitar tas-segretezza bankarja huwa aċċettat bħala miżura neċessarja u proporzjonata għall-ġlieda kontra r-reati serji inkluż l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Dan jidher, pereżempju mid-Direttiva 2005/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u r-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi. Il-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-ipproċessar u t-trasferiment tad-Dejta ta' Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti għall-finijiet tat-TFTP tinkludi salvagwardji konsiderevoli għall-aċċess għad-dejta ta' messaġġi finanzjarji, ħaġa li tenfasizza l-aproċċ proporzjonat meħud mill-Ftehim Interim.

### Konklużjoni

Il-Ftehim Interim ippruvat tikseb bilanċ adegwat bejn il-miżuri neċessarji biex tiġi żgurata is-sigurtà tal-UE fuq naħa u l-protezzjoni tad-dejta personali fuq in-naħa l-oħra. Kieku il-Ftehim kienet għall-perjodu qasir, hija kienet tipprojbixxi kwalunkwe użu tad-dejta ta' messaġġi finanzjarji għal skopijiet oħra milli l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u kienet tagħmilha ċara li t-talbiet għad-dejta għandhom ikunu bbażati fuq każijiet speċifiċi fil-mira u li dawn jiġu soġġetti għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Fuq kollox, id-dejta tat-TFTP ma kinitx tkun soġġetta għal tiftix bla restrizzjonijiet u kienet tintuża biss jekk tintwera rabta diretta mar-reati tat-terroriżmu jew l-iffinanzjar tiegħu. Il-proporzjonalità tal-Ftehim Interim, inkluża l-konformità mal-impenji tal-protezzjoni tad-dejta u l-evalwazzjoni tal-valur kontinwu tat-TFTP għas-sigurtà tal-UE kienet tkun soġġetta għal reviżjoni ddetaljata tal-UE li għandha ssir fl-2010 minn, inter alia, rappreżentanti tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta tal-Istati Membri.

It-TFTP huwa neċessarju għas-sigurtà Ewropea. In-nuqqasijiet fir-rigward tas-sigurtà, li nħolqu miċ-ċaħda tal-ftehim interim, jeħtieġ li jintlew. Jista' jkun hemm qbil b'mod bilaterali dwar it-trasferiment tad-dejta ladarba d-dejta tkun qiegħda fiżikament fi Stat Membru wieħed biss. Madankollu, hija toriġina mill-Istati Membri kollha tal-UE, u din hija r-raġuni għala soluzzjoni fil-livell tal-UE hija ammissibbli. Il-Kummissjoni għalhekk se toħroġ b'mandat ġdid għal koperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar is-sostenibilità tat-TFTP.